# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 25 ta' Novembru 2015**

**Rikors Numru: 49/2014 CSH**

**Falcon & Wines Spirits Limited (C3774) u b'digriet tal-15 ta' Lulju 2015 isem is-socjeta' attrici nbidel ghal GSD Marketing Limited (C3774)**

**vs**

**Map Trading Limited (C58917) u b'digriet tas-17 ta' Gunju 2015 Dr Joseph Mizzi u PL Quentin Tanti gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta' konvenuta u Michele Mule'**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' attrici fit-13 ta' Frar 2014 fir-Registru ta' din il-Qorti fejn talbu lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont ta' ghaxart elef, hames mija, wiehed u tletin ewro u tmienja u sittin centezmi (€10,531.68) rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta ghall-bejgh u kunsinna ta' xorb mis-socjeta' attrici lill-konvenuti skond rezokont hawn allegat bhala Dok. "A", liema ammont baqa' ma thallasx minkejja illi gew debitament interpellati.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali numru 2541/2013, u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-istess ittra sad-data tal-hlas effettiv.

Rat ir-risposta ta' l-intimati Map Trading Limited u Michele Mule' fejn eccepew:

1. "*Illi in linea preliminari, l-intimat Michele Mule' mhuwiex legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici u dana stante li qatt ma kellu realzzjoi guridika mas-socjeta' rikorrenti fil-kapacita' tieghu personali.*
2. *Illi fil-mertu, t-talbiet tas-socjeta' attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.*
3. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Frar 2015 (fol. 26) fejn Dr. Joseph Ellis ghan-nom tas-socjeta' attrici talab korrezzjoni fl-okkju stante li s-socjeta' attrici bidlet isimha ghal GSD Marketing Limited ghalkemm in-numru ta' registrazzjoni baqa' l-istess.

Semghet lil Dr Bisazza ghall-konvenut Michele Mule' jghid li ma kellux oggezzjoni ghal tali talba pero' iddikjara li ma setghax jikkomunika aktar mal-klijent tieghu Map Trading Ltd u ghalhekk talab differiment sabiex jittanta jikkomunika ma' din l-istess socjeta' konvenuta.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici pprezenata nhar il-11 ta Frar 201 li permezz taghha ipprezenta tlett dokumenti: Dok A - kopja ta' Credit application form maghmula minn Michele Mule', Dok B - kopja tad-dettalji tal-passaport tal-istess Michele Mule' illi huwa stess kien ta lis-socjeta' attrici u Dok C -

kopja tar-rendikont tad-debitu dovut lis-socjeta' attrici ndirizzat kemm lil Michele Mule' kif ukoll lis-socjeta' konvenuta (fol. 27 et seq) .

Rat il-kopja tal-Board resolution mehud mis-socjeta' attrici a fol. 36 fejn hemm indikat li isem is-socjeta' attrici Map Trading Ltd sar GSD Marketing Limited b'effett mill-1 ta' Jannar 2015 u li n numru ta' din is-socjeta' baqa' l-istess.

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici pprezentat fl-atti nhar it-13 ta' Mejju 2015 fejn Dr Ellis ghas-socjeta' attrici talab in-nomina ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Map Trading Ltd u d-digriet taghha tas-17 ta' Gunju 2015 (fol. 42) fejn din l-Qorti laqghet it-talba tieghu u innominat lil Dr Joseph Mizzi u PL Quentin Tanti sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' Map Trading Ltd.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati prezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-18 ta' Gunju 2015 fejn eccepew:

" *Illi l-kuraturi qieghdin jaghmlu diversi tentattivi sabiex jikkuntattjaw lis-socjeta' intimata, pero sa illum it-tentattivi ghad ma kellhomx ezitu posittiv u ghalhekk mhumiex edotti mill-fatti ta' dan il-kaz.*

*Ghaldaqstant f'kaz li jirnexxielhom jaghmlu kuntatt jirriservaw li, bl-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, jipprezentaw eccezzjonijiet f'stadju ulterjuri."*

Rat il-verbal tat-8 ta' Lulju 2015 fejn Dr. Ellis talab l-allegazzjoni ta' l-atti tal-kawza Rikors Numru 138/14 AE fl-ismijiet '**The General Soft Drinks**

**Co Ltd vs Map trading Limited et**' deciza nhar id-19 ta' Gunju 2015 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

Rat il-verbal taghha ta' l-istess jum tat-8 ta' Lulju 2015 fejn il-Qorti akkordat it-talba ta' Dr Ellis u ordnat li jkun hemm l-allegazzjoni tal-atti (fol. 51).

Semghet lil **Mario Calamatta** jixhed u dan fis-seduta tat-8 ta' Luju 2015. Spjega illi huwa jokkupa l-kariga ta' assistant manager fid-Dipartiment tal-Kummerc fl-istess socjeta' attrici gja Falcon & Wines Spirits Ltd illum General Soft Drinks Limited. Ikkonferma li kienu ibieghu l-prodotti taghhom lis-socjeta' konvenuta u r-relazzjoni taghhom kienet ma' Michele Mule'. Qal li l-konsenji kienu isiru fil-fond Sir Alex fi Triq Borg Olivier San Giljan. Huwa esebixxa il-kuntratt li s-socjeta' attrici kellha ma' Michele Mule' u qal li l-original ta' din il-kopja tinsab esebita fil-kawza fuq imsemmija fl-ismijiet 'General Soft Drinks vs Map Trading Limited et'. Esebixxa ukoll invoice mmarkat bhala Dok Z1 sabiex jikkonferma d-debitu dovut lis-socjeta' attrici liema invoice hija indirizzata kemm lis-socjeta' konvenuta kif ukoll lil Michele Mule'.

Rat in-nota pprezentata minn Michele Mule nhar it-3 ta' Awwissu 2015 li permezz taghha iddikjara li ma kellux xhieda ohra xi jressaq u li kien qed jistrieh fuq il-provi kollha prodotti fl-atti tal-kawza Rikors Numru 138/14 AE fl-ismijiet '**The General Soft Drinks Co Ltd vs Map trading Limited et**'.

Illi din il-Qorti fliet il-process tal-kawza Rikors Numru 138/14 AE fl-ismijiet '**The General Soft Drinks Co Ltd vs Map trading Limited et**' u

rat li l-mertu ta' din il-kawza huwa simili hafna mal-mertu ta' dik il-kawza ghalkemm l-ammont tad-debitu dovut naturalment huwa differenti.

Il-Qorti ghalhekk thoss li ghandha taghmel referenza ghax-xhieda hemm prodotta stante li l-provi fil-kawza odjerna huma fjakki.

**David Collins** xehed u spjega illi huwa kien ilu jahdem mas-socjeta' attrici ghal dawn l-ahhar sentejn u nofs u huwa responsabbli sabiex jikkontrolla d-debituri tas-socjeta' attrici. Huwa esebixxa *credit form application* li saret qabel ma beda l-impieg tieghu mas-socjeta' attrici u din giet mmarkata bhala Dok DC. Qal li din il-formola is-soltu timtela jew mis-salesman jew mis-sales manager tal-kumpanija. Qal li din il-formola mtliet minn Michele Mule'. Ikkonferma li s-socjeta' rikorrenti ghad baqghalha tiehu is-somma ta' hdax-il elf, tmien mija u tlieta u sittin ewro u sitta u tletin centezmu (€11,863.36). Qal li l-istabbiliment fejn huma hadu l-merkanzija hu Sir Alex, Triq Borg Olivier, San Giljan. Qal li pero' mhux f'pozizzjoni jghid jekk il-ftehim kienx sar ma' Michele Mule jew mas-socjeta' Map Trading Ltd u dan ghaliex in-negozju ma kienx hu li kkonkludih. Spjega li s-salesman tas-socjeta attrici imur fuq il-post, jiehu l-ordni u wara jmur lura fid-dipartiment tal-kummerc tas-socjeta' u dawn jipprocessaw l-ordni.

Fis-seduta sussegwenti l-istess xhud esebixxa d-dettalji tal-klijent taghhom u cioe' fotokopja tal-passaport ta' Michele Mule, kif ukoll Outlet Master Form bid-dettalji tas-socjeta' intimata fejn hemm imnizzel li l-*contact person* ta' din is-socjeta' kien Michele Mule' (Dok DC). Spjega ukoll li irrizultalu minn verifiki li ghamel mal-MFSA li kien hemm tibdil fid-diretturi tas-socjeta' intimata fis-sens li Michele Mule' ma baqax Direttur ta' din is-socjeta' b'effett mill-10 ta' Settembru 2013 (Dok DC2).

Spjega li a bazi tal-credit application form u tal-outer master form huma ikunu jafu jekk tali klijent ikun jista' jinghata credit facilities kif kellhom l-intimati.

Alexander Muscat, sales person mas-socjeta' rikorrenti xehed u spjega li xoghlu hu li jmur ghand il-klijenti u ibieghlu prodotti tal-Coco Cola. Ikkonferma li l-credit application trid timtela' mill-klijent sabiex jinghata credit facilities maghhom. Qal li huwa kien tkellem ma' Michele Mule', kien talbu kopja tal-passaport tieghu u li kellu jiffirma id-dokumenti DC u DC1 kif fuq spjegati sabiex jinghata l-facilita' ta' credit u Michele Mule' hekk ghamel, iffirmhom it-tnejn. Qal li huwa qatt ma kien sema bl-isem Map Trading Ltd. Mistoqsi jekk ikunx hu li jaghmel il-verifiki sabiex jara jekk il-klijent jinghatax credit facilities jghid li le mhux hu izda nies ohra f'dipartiment iehor.

Jiftakar li huwa kien imur fil-water polo pitch ta' San Giljan u kien jiltaqa' ma' Michele Mule' u dan kien jaghtih l-ordni u wara certu zmien l-ordnijiet kienu jinghataw lilu minn missieru Angelo.

Michele Mule' xehed u spjega illi missieru kien iddecieda li jiftah negozju hawn Malta li kien il-bar u restaurant tal-Water Polo pitch ta' San Giljan li kien jismu Sir Alex. Missieru talbu sabiex jghinu fin-negozju u ghalhekk gie Malta sabiex itih daqqa t'id. Qal li kien Direttur tas-socjeta' u kien ikun fir-restaurant darbtejn fil-gimgha. Qal li verament kien iltaqa' mas-sur Muscat u kien iffirma id-dokumentazzjoni li kien inghata lilu minnu fosthom Dok DC u DC1. Jghid pero' li d dettalji fuq id-dokument DC ma tahomx hu lis-sur Muscat izda wisq probabbli hadhom mill-ufficcju. Jghid li ghalkemm kien Direttur tas-socjeta' intimata fil-verita kien missieru li kien imexxi n-negozju.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel lok l-intimat Michele Mule ighid li huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju u dan ghaliex huwa qatt ma kellu relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici. F'dan ir-rigward is-socjeta' intimata ma tghid xejn.

Konsiderazzjonijiet legali.

Kif gie osservat fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet '**Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-ilma et vs Emanuel Grixti**' jinghad li "*b'relazzjoni guridika wiehed necesarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu' ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha.*"

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet '**Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et'** deciza nhar il-hamsa (5) t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:-

*"Biex jigi stabbilit jekk parti in kawza kinetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu,fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*

Ta' importanza ghal din is-sentenza huwa dak li gie deciz fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar il-21 ta' Marzu 2002 fl-ismijiet '**Camel Brand Co Ltd vs Debono Michael'** fejn inghad li :

*"Meta negozju jkun gestit minn socjeta` b'responsabilita` limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha.*

*Tali indikazzjoni ghandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, etc. relatati ma' akkwisti maghmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor.*

*Normalment bniedem jikkontratta ghalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni."*

Illi f'din il-kawza jirrizulta s-segwenti mill-provi akkweziti.

1. Illi s-socjeta' attrici ghandha tiehu is-somma kif mitluba minnha fir-rikors promotur u cioe' l-ammont ta' ghaxart elef, hames mija, wiehed u tletin ewro u tmienja u sittin centezmi (€10,531.68) rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta ghall-bejgh u kunsinna ta' xorb mis-socjeta' attrici lill-intimati skond rezokont esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok. "A"
2. Illi r-rendikont huwa ndirizzat liz-zewg konvenuti u cioe' Michele Mule' u Map Trading Ltd u dan gewwa l-indirizz Sir Alex, Borg Olivier Street, San Giljan.
3. Jirrizulta mix-xhieda li s-socjeta' konvenuta ghamlet zmien tiggestixxi dan il-fond u tiehu merkanzija minghand is-socjeta' attrici u li l-intimat Michele Mule' kien Direttur taghha sal-10 ta' Settembru 2013.
4. Illi fid-dokument DC2 (u cioe' l-Outlet Master Form) hemm imnizzel fejn kellhom isiru l-konsenji u cioe' fil-fond Sir Alex pero' jissemma ukoll bhala sid l-istess fond l-intimat Michele Mule' bin-numru tal-karta tal-identita' tieghu u tat-telefon tieghu. Ghalkemm huwa veru wkoll li ma genb dawn in-numri hemm ukoll in-numru tal-VAT tas-socjeta' intimata (2108-6435) u n-numru tas-socjeta' tal-MFSA (C 58917). Jinghad li dan id-dokument mhux kuntratt izda dokument bid-dettalji tal-klijent.

5. Jirrizulta li l-intimat Michele Mule' kien iffirma kuntratt u cioe' id-dokument GSD, il-credit form application, fejn permezz ta' dan id-dokument kien qed jirrikonoxxi li kien qed jitlob li jinghata facilita' ta' credit ghall-ordnijiet li kien bi hsiebu jaghmel. F'dan il-kuntratt is-socjeta' intimata ma tissemmix u hu abbazi ta' dan il-kuntratt li l-intimat nghata l-facilita' ta' credit. Huwa minnu li l-intimat jghid li kien missieru li kien responsabbli ghal dan in-negozju, mill-atti ma jirrizultax li kien hekk u dan ghaliex meta Michele Mule' iffirma din il-formola kien qed jassumi r-responsabilita' tal-kontenut taghha. Illi ghalhekk a bazi ta' dan l-istess kuntratt l-intimat Michele Mule' ikkreja relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici.
6. Illi pero' jirrizulta u dan mhux kontestat, li l-merkanzija giet konsenjata fil-fond Sir Alex u dan kien qed jigi gestit mis-socjeta' Map Trading u ghalhekk zgur ukoll li s-socjeta' intimata kelha relazzjoni guridika mas-socjeta' rikorrenti u fil-verita' is-socjeta' intimata qatt ma qalet li ma kellhiex.
7. Ghalhekk zgur li kien hemm relazzjoni guridika maz-zewg intimati.

Fir-rigward it-tieni eccezzjoni ta' l-intimati fil-mertu u cioe' li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt jinghad li l-intimati ma resqu l-ebda provi dwar dan u ghalhekk donnu li din l-eccezzjoni nghatat bla raguni ta' xejn u mhux ghaliex fir-realta' fil-mertu kien hemm xi eccezzjoni valida x'tinghata.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjonijiet ta' l-intimati u tilqa' it-talba attrici b'dan illi qieghda tordna lill-intimati in solidum sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici l-ammont mitlub minnha fir-rikors promotur u cioe' l-ammont ta' ghaxart elef, hames mija u wiehed u tletin ewro u tmienja u sittin centezmi (€10,531.68).**

**Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali numru 2541/2013, u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-istess ittra sad-data tal-hlas effettiv.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**